StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Rot

**IT-TIENI SENA** **IR-RELIĠJON** **IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem:** ______________________ **Il-Klassi:** ____________

**A. Agħżel il-kelma t-tajba.** **(10 marki)**

**Eżempju: Ġesù ħalla lill-(appostli, missjunarji, Papiet) biex imexxu l-Knisja tiegħu.**

1. Biex nibnu grupp magħqud irridu (naħfru lil xulxin, nimpikaw ma' xulxin, niġġieldu).
2. Xogħol (il-Pubblikani, il-Fariżej, l-Erodjani) kien li jiġbru t-taxxi.
3. L-ewwel konċilju sar f'(Malta, Ġerusalemm, Ruma).
4. San Luqa kien (pubblikan, appostlu, evanġelista).
5. Is-servizz li tagħti l-Knisja lill-morda u lill-foqra huwa (ħela, bla bżonn, karita`).
6. Nuqqas ta' komunikazzjoni ġġib (ferħ, firda, għaqda).
7. Id-Dar tal-Providenza waqqafha Monsinjur Mikiel (Azzopardi, Grech, Cremona).
8. L-evanġelisti kienu (għaxra, erbgħa, ħamsa).
9. 'L-Atti tal-Appostli' fih (27, 28, 30) kapitlu.
10. Dawk li mietu ħbieb ma' Alla nsejħulhom (qaddisin, djakni, saċerdoti).

---

**B. Imla l-vojt mill-kliem li hawn fil-kaxxi.** **(10 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| żvantaġġi | it-tajjeb | Knisja | il-Papa | l-isqfijiet |
| Bibbja | rispett | Caritas | qassis | sebgħa |

1. Ir-ragħaj _______________ ifittex lin-nagħaġ tiegħu.
2. Il-Kelma ta' Alla nsibuha fil-_______________.
3. Li jkollok il-ħbieb iġib miegħu vantaġġi u _______________.
4. In-Nisrani għandu jħares lejn reliġjonijiet oħra b'_______________.
5. Il-_______________ huwa persuna li jgħaqqad il-ħajja tal-bniedem ma' Alla.
6. Il ktieb tal-Atti tal-Appostli jitkellem dwar il-bidu tal-_______________.
7. Il-Knisja f'Malta tgħin lill-vittmi tal-vizzju tad-droga permezz tal-_______________.
8. Enċiklika hi ittra li jikteb _______________.
9. Id-djakni li għażlu l-appostli kienu _______________.
10. Is-suċċessuri tal-appostli huma _______________.

---

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**C. Qabbel kolonna A ma' kolonna B. (L-ewwel waħda hija eżempju)**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| **1.** | **Il-Premju Papa Ġwanni 23** | | l-Knisja f'Malta. |
| 2. | L-ewwel parti tal-Atti tal-Appostli | 1 | **jingħata għat-tjubija.** |
| 3. | Konċilju hija laqgħa | | San Ġorġ Preca. |
| 4. | Madre Tereża | | titkellem dwar il-ħidma ta' Pietru. |
| 5. | Fi żmien il-persekuzzjonijiet | | insejħulha l-Għid il-Kbir. |
| 6. | San Pawl beda | | qalb waħda u ruħ waħda. |
| 7. | Is-soċjeta` tal-MUSEUM bdieha | | jgħin lil min hu batut. |
| 8. | L-Insara tal-bidu kienu | | l-aqwa missjunarji kienu l-martri Nsara. |
| 9. | San Vinċenz de Paul kien | | ħadmet fost l-ifqar fost il-fqar. |
| 10. | Il-festa ta' meta Ġesu`qam mill-mewt | | tal-Lhud fi żmien Ġesu`. |
| 11. | Ir-Rumani kienu l-ħakkiema | | bejn il-Papa u l-Isqfijiet. |

---

**D. Il-Quddiesa – Imla l-vojt mill-kliem li hawn fil-kaxxi. (15-il marka)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Salm | qari | Konsagrazzjoni | barka | salib |
| Penitenzjali | Evanġelju | komunita` | Kredu | Missierna |
| omelija | Paċi | tqarbin | Glorja | Offertorju |

1. Fil-bidu tal-quddiesa nroddu s-_________________.
2. Fl-Att _________________ nitolbu lil Alla jaħfrilna dnubietna u fil-_________________ nfaħħru lil Alla.
3. Fis-_________________ Responsorjali nfaħħru lil Alla flimkien wara li nkunu smajna l-ewwel u t-tieni _________________.
4. Fl-_________________ nisimgħu dak li jrid jgħidilna Ġesu`, u fl-_________________ nisimgħu l-ispjega tas-saċerdot.
5. Il-Fidi tagħna nistqarruha fil-_________________ u fit-talbiet tal-_________________ npoġġu l-bżonnijiet tagħna quddiem Alla.
6. Fl-_________________ noffru lilna nfusna lil Alla flimkien mal-ħobż u l-inbid.
7. Fil-_________________ l-ħobż u l-inbid isiru l-ġisem u d-demm ta' Ġesu`.
8. L-għaqda ta' bejnietna nuruha fit-talba tal-_________________ u fil-_________________ nuru li aħna familja waħda.
9. Fit-_________________ nirċievu lil Ġesu` fina.
10. Fl-aħħar tal-quddiesa, is-saċerdot jagħtina l-_________________.

---

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**E. Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



Meta wasal Jum il-Ħamsin, kienu kollha miġmugħin flimkien, u minnufih instema' ħoss ġej mis-sema bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom; u mtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skont ma l-Ispirtu kien jagħtihom li jfissru ruħhom.

Mela Ġerusalemm kien hemm jgħammru xi Lhud tajba minn kull ġens li hawn taħt is-sema. Malli nstema' dan il-ħoss, inġemgħet il-kotra u tħawdet, għax kienu jisimgħuhom kull wieħed jitkellmu bi lsienhom.

(Atti 2, 1-6)

1. F'liema festa nfakkru din il-ġrajja? ______________________
2. Kemm-il ġurnata wara l-Għid il-Kbir seħħet din il-ġrajja? ______________________
3. Min kienu dawk in-nies li kienu miġmugħin f'post wieħed? ______________________
4. Kif inbidlu l-appostli wara li niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu?

   ______________________
5. F'liema belt ġrat din il-ġrajja? ______________________
6. Minn min hi magħmula l-Knisja? ______________________
7. F'liema ktieb insibu din il-ġrajja? ______________________
8. Min kiteb il-ktieb li fih insibu din il-ġrajja? ______________________
9. Meta niżel fuqna l-ewwel darba l-Ispirtu s-Santu? ______________________
10. Għalfejn aħna l-Insara għandna bżonn l-Ispirtu s-Santu?

    ______________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**F. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. X'riedet il-mara Sirofeniċja mingħand Ġesu`?

2. Semmi waħda mill-firdiet li kien hemm fi żmien Ġesu`.

3. Min kienet il-qaddisa li waqqfet il-'Little Sisters of the Poor'?

4. F'liema ġurnata kienu jiltaqgħu l-ewwel Insara biex jiċċelebraw il-quddiesa?

5. X'kien ix-xogħol tad-djakni?

6. X'jismu l-Arċisqof ta' Malta?

7. Meta tibda s-Sena Liturġika?

8. Liema żewġ sagramenti waqqaf Ġesu` fl-Aħħar Ċena?

9. F'liema żewġ partijiet tinqasam il-Quddiesa?

10. Xi tfisser il-kelma 'Kattolika'?

---

**G. Wieġeb fuq karta separata.** **(15-il marka)**

1. Irrakkonta l-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb f'madwar **30 kelma**.

   Dan il-kliem jista' jgħinek: *Ġeriko, ħallelin, qassis, levita, Samaritan.*

2. Ikteb x'taf dwar Madre Tereża f'madwar **30 kelma**.
   Dan il-kliem jista' jgħinek: *Albanija, Kalkutta, Ordni tal-Missjunarji tal-Karita`, dar għall-foqra, Premju Nobel għall-Paċi.*

3. Ikteb f'madwar **30 kelma**, kif int tista' tkun ta' għajnuna għal ħaddieħor fid-dar u fl-iskola fuq l-eżempju ta' Madre Tereża.

---

**Tmiem il-Karta**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers